MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Numru. 725/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**

**Jesmond Vella**
**Joseph Cardona**

Kumpilazzjoni Nru: 725/2011

Illum, 16 ta' Gunju, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Jesmond Vella ta' 28 sena, iben Carmelo u Maria Grazia nee' Gauci, imwieled Pieta' nhar id-9 ta' Settembru, 1982

u residenti fil-fond nru 15 Triq il-Kullegg, Sqaq Nru 1 Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita numru 489582M

U

Joseph Cardona ta' 20 sena, iben Joseph Mary u Josephine nee' Vella, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Novembru, 1990 u residenti fil-fond St Joseph Farmhouse, Tal-Hrieri limiti tas-Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita numru 531890M

Akkuzati talli nhar il-11ta' Gunju, 2011, ghall-habta tat-8:15pm, u/jew fil-jiem, gimghat u xhur qabel, minn gewwa barriera fil-kontrada Ta' l-Ibragg, fil-limiti tas-Siggiewi, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jikru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ikkommettew serq ta' kwantita ta' diesel u/jew xi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-dannu ta' Anthony Camilleri, u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Lil Jesmond Vella wahdu, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai terimini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 27 ta' Jannar, 2011, moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f) 263, 264, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rta li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrrat.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom l-imputati qed jinstabu hatja, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 18, 261(b(c)(f) 263, 264, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Joseph Cardona hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f) 263, 264, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Jesmond Vella hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------